Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/0541(COD)

24.6.2026

EMENDA 206

Abbozz ta' rapport
Karlo Ressler
(PE788.793v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0541 – C10-0176/2025 – 2025/0541(COD))

Emenda 206
Murielle Laurent

Proposta għal regolament
Anness (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Anness
	Kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ
	1. Fi ħdan l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut għal dan li ġej:
	(a) l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-iskambju ta' esperti, inkluż is-sekondar ta' esperti, kif ukoll l-ixprunar tal-kapaċità tan-networks Ewropej biex jivvalutaw, jippromwovu, jappoġġaw u jiżviluppaw aktar iż-żona Schengen mingħajr kontroll fil-fruntieri interni;
	(b) studji u azzjonijiet oħra rilevanti, bħal azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-għarfien permezz ta' analiżi, monitoraġġ u evalwazzjoni;
	(c) attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi, inkluż biex isaħħu l-governanza taż-żona Schengen billi jiżviluppaw u jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 bl-għan li tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, inkluża n-nefqa tal-missjoni għall-esperti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri li jipparteċipaw fi żjarat fuq il-post;
	(d) attivitajiet biex issir sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali fir-rigward taż-żona Schengen mingħajr kontroll fil-fruntieri interni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni f'din iż-żona;

(e) l-iżvilupp ta' għodod, metodi u indikaturi tal-istatistika li jirrispettaw il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni;

(f) appoġġ operattiv għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen;

2. Fi ħdan l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut għal dan li ġej:

(a) infrastruttura, bini, sistemi u servizzi meħtieġa fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u għas-sorveljanza fuq il-fruntiera bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera;

(b) tagħmir operazzjonali, inklużi mezzi ta' trasport u sistemi tal-ICT, meħtieġa għal kontroll fuq il-fruntiera li jkun effettiv u sikur fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u għas-sorveljanza fuq il-fruntiera, f'konformità mal-istandards żviluppati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, fejn tali standards jeżistu;

(c) taħriġ fil-qasam tal-iżvilupp tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, jew li jikkontribwixxi għal dan l-iżvilupp, b'kont meħud tal-ħtiġijiet operazzjonali u l-analiżijiet tar-riskju, inklużi sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(7), u f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali;

(d) l-iskjerament ta' uffiċjali għall-komunikazzjoni dwar l-immigrazzjoni għal pajjiżi terzi f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(e) l-iskambju tal-aħjar prattiki u ta' għarfien espert, studji, proġetti pilota u azzjonijiet oħra rilevanti bl-għan li jimplimentaw jew jiżviluppaw il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, inklużi miżuri li għandhom l-għan li jiżviluppaw il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-

Kosta, bħat-tishiħ tal-kapaċitajiet komuni, l-akkwist konġunt, l-istabbiliment ta' standards komuni u miżuri oħra li jissimplifikaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-Istati Membri, u miżuri relatati mar-riferiment ta' persuni vulnerabbli li jeħtieġu assistenza u persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali jew li jixtiequ japplikaw għal tali protezzjoni internazzjonali;

(f) attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, amministrattivi u tekniċi meħtieġa biex jiġu implimentati l-politiki tal-fruntieri esterni, inkluż biex tissaħħaħ il-governanza taż-żona Schengen billi jiżviluppaw u jimplimentaw il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 biex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u tar-Regolament (UE) 2016/399, inkluża n-nefqa tal-missjoni għall-esperti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri li jipparteċipaw fi żjarat fuq il-post u miżuri biex jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet maħruġa wara valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896;

(g) azzjonijiet li jtejbu l-kwalità tad-data maħżuna fis-sistemi tal-ICT u li jtejbu l-eżerċitar tad-drittijiet ta' suġġett tad-data għall-informazzjoni, għall-aċċess għad-data personali tiegħu, u għar-rettifika u t-tħassir, kif ukoll għar-restrizzjoni tal-ipproċessar, ta' tali data;

(h) l-identifikazzjoni, it-teħid tal-marki tas-swaba', ir-reġistrazzjoni, il-verifiki ta' sigurtà, l-għoti ta' informazzjoni, l-iskrinjar mediku u ta' vulnerabbiltà u, fejn meħtieġ, il-kura medika u r-riferiment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-proċedura xierqa fil-fruntieri esterni;

(i) azzjonijiet biex jiġu stabbiliti,

miżmuma jew żviluppati mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/1356 ("ir-Regolament dwar l-Iskrinjar");

(j) attivitajiet li għandhom l-għan li ssir aktar sensibilizzazzjoni dwar il-politiki tal-fruntieri esterni fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;

(k) l-iżvilupp ta' għodod, metodi u indikaturi tal-istatistika li jirrispettaw il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni;

(l) appoġġ operattiv għall-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri.

3. Fi ħdan l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), l-appoġġ tal-Unjoni għandu jiġi pprovdut għal dan li ġej:

(a) infrastruttura u bini meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viżi u l-kooperazzjoni konsulari, inklużi miżuri ta' sigurtà, u azzjonijiet oħra li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tas-servizz lill-applikanti għal viża;

(b) tagħmir operazzjonali u sistemi tal-ICT meħtieġa għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal viża u kooperazzjoni konsulari;

(c) taħriġ ta' persunal konsulari u persunal ieħor li jikkontribwixxu għall-politika komuni dwar il-viżi u l-kooperazzjoni konsulari;

(d) l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-iskambju ta' esperti, inkluż is-sekondar ta' esperti, kif ukoll l-ixprunar tal-kapaċità tan-networks Ewropej biex jivvalutaw, jippromwovu, jappoġġaw u jiżviluppaw aktar il-politiki u l-objettivi tal-Unjoni;

(e) studji u azzjonijiet oħra rilevanti, bħal azzjonijiet li għandhom l-għan li

jtejbu l-għarfien permezz ta' analiżi, monitoraġġ u evalwazzjoni;

(f) attivitajiet biex issir sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku ġenerali fir-rigward tal-politiki dwar il-viżi, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni;

(g) l-iżvilupp ta' għodod, metodi u indikaturi tal-istatistika li jirrispettaw il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni;

(h) appoġġ operazzjonali għall-implimentazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi;

(i) appoġġ lill-Istati Membri fil-ħruġ ta' viżi, inklużi viżi b'validità territorjali limitata, kif imsemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, maħruġin għal raġunijiet umanitarji, għal raġunijiet ta' interess nazzjonali jew minħabba obbligi internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-azzjonijiet li se jiġu ffinanzjati taħt dan l-istrument għandhom jiġu definiti fl-interess tat-trasparenza u fl-interess tal-Parlament, bħala koleġiżlatur. Il-finanzjament ta' attivitajiet opaċi mill-Istati Membri ma għandux ikun permess.